# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 139/96**

**Numru 34**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**vs**

**George Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm149.00,0 (mija, disgha u erbghin lira Maltin) rapprezentanti danni minnu sofferti fl-incident stradali li gara f'Hal Qormi fl-14 u b'digriet tal-21 ta' April 1998 in-numru 14 gie sostitwit b'15 ta' Frar, 1994, ghall-habta tas-6.50a.m. waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru R-7105 u bi traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti stradali l-konvenut habat mal-vettura ta' l-attur numru M-0362 u kkagunalu diversi hsarat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru M-0362 u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti fil-21 ta' April 1998 (a fol 15 ibid) in rigward il-korrezzjoni fid-data tal-incident in esami kif specifikata fl-avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan l-incident kien hemm involuti zewg vetturi ossija karozza tal-Pulizija tal-marka "Skoda" u bin-numru M-0362 misjuqa minn PC 683 Mario Caruana u "Van" tal-marka Bedford bin-numri R-7102 misjuq mill-konvenut. In rigward l-istess incident (ara ukoll l-iskizz a fol 31 tal-atti) PC 683 Mario Caruana, gja imsemmi (fol 24 et seq ibid) xehed li kien qed jsuq f'Triq Santa Katarina triq ghan-nizla u diehel ghal go Triq San Pietru f'Hal Qormi. Ix-xhud iddeskriva din it-triq bhala wahda dejqa u b'hekk hu waqaf sabiex johrog "van" iehor minn din it-triq. Kif kien wieqaf, hu hass daqqa "minn warajja" meta l-vettura tieghu kellha "l-ahhar bicca ... ghadha tisporgi ghal go St Catherine Street". Ix-xhud issottolinea li hu kien bid-dawl mixghulin inkluzi dawk tal-"brake" u "fl-ebda hin ma kelli bzonn li nirriversja lura". In rigward l-istess habta hu xehed li l-vettura misjuqa minnu intlaqtet fuq wara fuq x-xellug.

Illi l-istess xhud kien akkompanjat minn PS 200 Benjamin Calleja li ghamel, hu stess, l-iskizz imsemmi kif ukoll irrediga ir-rapport dwar l-incident esebit in atti a fol 30. Dan ix-xhud, fis-sustanza, (ara fol 27 u 52 et seq ibid) ikkonferma dak li xehed PC 683 Mario Caruana. Wara l-incident, hu kien tkellem mal-konvenut li, da parti tieghu, allega li l-vettura tal-Puliizja indjetreggat ghal fuqu waqt li, pero', ma kienx ra r-"reverse lights". Inoltre hu semma li kien sema' minghajr ma ra "lill-iehor gej" qabel id-daqqa u b'hekk kien hares lura. Fir-rapport imsemmi (fol 30 tal-atti) hemm ukoll imnizzla il-versjoni moghtija minn

Alexander Portelli, bin il-konvenut mhux prodott f'dawn il-proceduri u li kien qed jakkumpanja lill-missieru fl-istess van. Dan kien stqarr li "hu ra biss id-dwal homor ta' M-0362 mixghula" ossija d-dwal tal-"brake".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (a fol 36 u 49 et seq ibid) meta xehed sostna li l-vettura tal-Pulizija indjetreggat ghal fuqu minn Triq San Pietru waqt li hu kien qed jsuq f'Triq Santa Katarina. Pero kontrarjament ghal dak gja premess kif ukoll dak imnizzel fl-imsemmi rapport, hu qal li kien ra mixghulin ir-reverse lights tal-vettura l-ohra, li skond hu ma kienetx wieqfa. In rigward hsara fuq il-vettura tieghu, hu qal li hu ma kellux hsara hlief brix ossija girfa fuq il-genb tal-lemin tal-"van" tieghu, deskritt bhala wiehed b'sahhtu.

Ikkunsidrat

Illi gew meqjusa bir-reqqa il-versjonijiet moghtija mill-partijiet involuti f'dan l-incident, liema versjonijiet, kif jidher, huma konfliggenti bejniethom.

Illi, wara tali esami, tara li dik moghtija u sottomessa mix-xhieda prodotta mill-attur hi l-aktar probabbli u fuq basi ta' probabilta

tirrispekkja dak li gara f'dan il-kaz. In rigward dan jigi notat li Alexander Portelli bin il-konvenut, kien stqarr "a caldo" lill-Pulizija li qabel il-habta kien ra "dwal homor" u mixghulin fuq in-naha ta' wara ta' karozza misjuqa mill-imsemmi pulizija u ma giet prodotta ebda prova sabiex, b'xi mod, jista jigi dubitat li dak imnizzel fir-rapport a fol 30 ibid, filfatt kien intqal mill-istess Alexander Portelli. L-istess ghandu jinghad in rigward dak li kien stqarr il-konvenut kif imnizzel fl-imsemmi rapport fis-sens li ma kienx ra r-"reverse lights" tal-vettura tal-Pulizija mixghulin waqt li xehed il-kuntrarju quddiem din il-Qorti.

Illi, ghalhekk, il-konkluzjoni ghandha tkun li l-konvenut ma kienx attent fis-sewqan tieghu u laqat il-karozza tal-Pulizija fuq wara waqt li din kienet wieqfa.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-"quantum" ta' danni konsegwenzjali (ara fol 39 sa 42 ibid) dan ma giex kontestat u jidher li hu ragjonevoli.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta‘ danni fis-somma ta’ Lm149.00,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm149.00,0 bl-imghax legali mis-6 ta’ April 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ April 1995.

Alan Calleja
Dep.Reg